Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 249/2006/2

**A *sive* B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat illi fit-28 ta’ Novembru 2012 il-konvenut D C pprezenta rikors li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi dan huwa rikors ai fini tal-Artikolu 66F tal-Ligijiet ta' Malta li permezz tieghu r-rikorrenti qed jitlob li t-talba tieghu ghas-separazzjoni maghmulha f’din il-kawza ghandha minflok titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju;

Illi l-esponenti huwa konvenut fil-kawza ta' separazzjoni personali li fil-fatt hija pendenti quddiem din il-Qo rti:

Illi ai termini tal-Artikolu 66B jigi rilevat;

Illi l-partijiet ilhom ma jghixu taht l-istess saqaf mis-sena elfejn u sitta (2006);

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li kull parti ghandha hajja separata;

Illi ma hemm ebda kwisjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet u t-tifel tal-partijiet huwa maggorenni u ghandu impjieg 'full-time';

Illi huwa ghalhekk illi dak kollu mitlub mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa fl-umli fehma tar-rikorrenti sodisfatti;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett hi dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna illi t-talba tieghu ghas-separazzjoni maghmulha f'din il-kawza ghandha minflok titqies bhala talba ghal pronunzjament ta' divorzju ai termini ta' l-Artikolu 66F tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-digriet precedenti taghha tal-4 ta' Dicembru 2012

Rat illi ir-risposta tal-attrici tal-24 ta' Jannar 2013 li permezz taghha, filwaqt li zammet fermi t-talbiet taghha relativi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallasha retta alimentari, iddikjarat li taqbel li l-kawza odjerna minn wahda ghal separazzjoni personali tigi konvertita ghal wahda ta' divorzju.

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li r-rekwiziti mitluba bl-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti.

Ghalhekk it-talba imressqa bir-rikors fuq imsemmi hija gustifikata.

**Decide.**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba u tordna li l-kawza fl-ismijijiet premessi ghandha titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------